MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Numru 51/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**HAMIDA ANWAR**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz tagħha Hamida Anwar ta' nazzjonalita' Sirjana, ta' 28 sena, bin Khamel u Rajja nee' Hamady, imwieled KH Alsoubol, Syria, nhar il-5 ta' Frar 1975 u li joqgħod St.Joseph, Triq il-Ħafur, Attard, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 23514(A) ġie akkużat talli:-

Fis-16 ta' Jannar, 2003 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer impjega jew ta xogħol lil persuni li ma kienux persuni

eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impieg jew xogħol skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jew mod ieħor għen jew assista persuni eżenti fl-għemil ta' reat maħsub taħt l-Artiklu 32 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi bħala l-prinċipal jew il-persuna li impjega persuni oħra, whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg kif hemm imniżżel fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Innutat li Dr Franco Debono għall-Imputat iddikjara li mhux kontestata l-legalita' ta' l-arrest ta' l-Imputat.

Rat l-atti u d-dokument esebit.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali markat bħala Dok. PS1 u nnutat li l-Imputat ma għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-Imputat tramite l-interpretu u spjegat tramite l-interpetu bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tiegħu u tagħtu ftit taż-żmien sabiex jerġa' jikkunsidra tali ammissjoni u wara li reġa ġie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tiegħu jew le, l-Imputat tramite l-interpretu reġa' wieġeb li qed jammetti għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat ir-Regolamenti 3a u 10 ta' l-A.L. 110 ta' l-1993 u l-art. 32 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib lill-Imputat Hamida Anwar, fuq ammissjoni ta' l-istess Imputat, ħati ta' l-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' erba' mija u ħamsin Liri Maltin (Lm450) multa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------